MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 718/2013

**John Micallef**
**K.I. Nru. 0336573-(M)**

**vs**

**Suncica Brajkovic**
**K.I. Nru. 0066853-(A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenuta sabiex thallas ossija tirrifondi lir-rikorrent is-somma komplessiva ta' tlett elef erba' mija u erbgha u disghin ewro (€3,494), rapprezentanti l-bilanc ta' somma akbar, rapprezentanti s-sommom mislufa mir-rikorrenti *brevi manu* f'diversi okkazjonijiet matul is-sena 2011, u liema somma kellha tigi mhallsa ossija tintradd lura fl-1 ta' Jannar, 2012.

Bl-ispejjez, inkluz dik tal-ittra ufficjali numru 2410/13 datata 9 t' Awwissu, 2013 u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.

Ra l-verbal tas-seduta tat-22 ta' Novembru, 2013, fejn l-attrici li hija ta' nazzjonalita' barranija, talbet illi l-proceduri jigu kondotti bil-lingwa Ingliza. Ra d-digriet tat-Tribunal li laqa' t-talba.

Ra r-risposta tal-konvenuta, li permezz taghha ghamlet referenza ghal Dokument 'A' li gie mehmuz mal-istess risposta, liema dokument jikkonsisti f'dikjarazzjoni tal-fatti mhejjija mill-istess konvenuta.

Ra li minkejja l-kontestazzjoni tal-konvenuta ghat-talba tal-attur, fl-udjenza tat-22 ta' Jannar, 2014 hi ddikjarat li kienet ser tammetti t-talba tal-attur kif rivolta fil-konfront taghha.

Semgha d-deposizzjoni tal-konvenuta li ddikjarat li l-ammont pretiz mill-attur huwa effettivament dovut, u dan wara li saritilha referenza ghal diversi ricevuti li gew ipprezentati mill-attur, u liema dokumenti gew immarkati bhala Dok.A.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tliet elef erba' mija erbgha u disghin ewro (€3,494.00), bl-imghax mid-data tal-Avviz tat-Talba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------